



Brussell, 15 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5177/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0003(NLE)**

**TRANS 2
COWEB 1
ELARG 3**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċertu tibdil fir-regoli dwar is-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 7 final.

Mehmuż: COM(2026) 7 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.1.2026
COM(2026) 7 final

2026/0003 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċertu tibdil fir-regoli dwar is-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali stabbilit skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ("it-TCT", Treaty establishing the Transport Community) rigward ċerti bidliet pjanati fir-regoli dwar is-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport

Fl-1 ta' Mejju 2019, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, il-Kosovo*, il-Montenegro u r-Repubblika tas-Serbja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa") irratifikaw it-TCT. L-Unjoni Ewropea hija parti għat-TCT, wara li fl-4 ta' Marzu 2019 adottat Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport¹. It-TCT daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.

2.2. Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali

Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huwa stabbilit bl-Artikolu 24 tat-TCT. Huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tat-TCT u għall-iżgurar tal-implimentazzjoni kif support tiegħu. Għal dan l-iskop, jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fit-TCT. B'mod partikolari, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali:

- (a) iħejji l-ħidma tal-Kunsill Ministerjali;
- (b) jiddeċiedi dwar it-twaqqif ta' kumitati tekniċi;
- (c) jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet f'konformità mat-TCT;
- (d) fir-rigward tal-atti tal-UE adottati dan l-aħħar, jieħu azzjoni xierqa, b'mod partikolari permezz ta' reviżjoni tal-Anness I tat-TCT;
- (e) jaħtar id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti wara konsultazzjoni mal-Kunsill Ministerjali;
- (f) jista' jaħtar wieħed jew aktar mid-Deputati Diretturi tas-Segretarjat Permanenti;
- (g) jistabbilixxi r-regoli tas-Segretarjat Permanenti;
- (h) jista' jirrieżamina, permezz ta' deċiżjoni, il-livell ta' kontribuzzjonijiet baġitarji;
- (i) jadotta l-baġit annwali tat-TCT;

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ (Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja) dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/392/oj>).

(j) jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-baġit, għall-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet, u għat-twettiq ta' spezzjonijiet;

(k) jieħu deċiżjonijiet dwar it-tilwimiet imressqa mill-Partijiet Kontraenti;

(l) jadotta prinċipji ġenerali dwar l-aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-korpi stabbiliti mit-TCT jew skontu;

(m) jadotta rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tan-*Network Komprensiv* għall-attenzjoni tal-Kunsill Ministerjali;

(n) jistabbilixxi limiti ta' żmien u modi għall-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa biex jittrasponu ċerti atti tal-Unjoni.

Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huwa magħmul minn rappreżentant u minn rappreżentant sostitut ta' kull Parti Kontraenti. Kwalunkwe Stat Membru tal-UE jista' jipparteċipa bħala osservatur. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jaġixxi b'unanimità.

2.3. L-att pjanat tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali

Permezz ta' proċedura ta' adozzjoni bil-miktub ippjanata għal Jannar 2026, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu jadotta deċiżjoni li temenda r-regoli dwar is-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport ("l-att ippjanat"). Dawk ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport².

L-għan tal-att ippjanat huwa li jiġi applikat aġġustament tas-salarju ta' darba ta' + 20 % għall-grilja tas-salarji għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti fid-data tal-applikazzjoni tad-deċiżjoni. Il-grilja hija stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-5 ta' Ġunju 2019, li tistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport. Barra minn hekk, l-att ippjanat għandu l-għan li jaġġorna s-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti, li huma bbażati fuq il-grilja tas-salarji, kif xieraq. Ifittex ukoll li jintroduċi, mill-1 ta' Jannar 2027, mekkaniżmu għall-indiċjar annwali tas-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti, f'konformità mal-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (CPI, Consumer Price Index) annwali, kif ippubblikat mill-awtorità tal-istatistika rilevanti tar-Repubblika tas-Serbja.

Id-diskussjonijiet preliminari fost il-Partijiet Kontraenti dwar l-att ippjanat ipprevedew li l-indiċjar tas-salarji japplika mill-1 ta' Jannar 2026. Madankollu, dewmien biex jintlaħaq qbil dwar proposta li għandha tiġi ppreżentata għall-adozzjoni potenzjali jfisser li l-proċedura ta' adozzjoni bil-miktub tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tista' titnieda biss f'Jannar 2026. Madankollu, sabiex tibqa' konsistenti mad-diskussjonijiet preliminari, u biex jiġi żgurat li l-indiċjar annwali tas-salarji jallinja maċ-ċiklu ta' adozzjoni annwali tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport, huwa xieraq li tiġi prevista l-applikazzjoni retroattiva tad-deċiżjoni prevista mill-1 ta' Jannar 2026.

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-Artikolu 25(1) tat-TCT, li jipprevedi: "Deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandha tkun vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti (...)".

² Adottati skont l-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-5 ta' Ġunju 2019.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 2019/3 tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport. Fit-Taqsima 9.1 jiddikkjara li l-iskala tas-salarji li tikkorrispondi għall-klassifikazzjoni tal-pożizzjonijiet fis-Segretarjat Permanenti, li tinsab fl-Appendiċi tal-imsemmija Regolamenti tal-Persunal, għandha tiġi riveduta regolarment mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali. Dan biex jiġi żgurat li s-salarji jibqgħu kompetittivi u konformi mar-rekwiżiti tas-Segretarjat. Madankollu, ir-Regolamenti tal-Persunal ma jistabbilixxux mekkaniżmu għall-aġġustament annwali tas-salarji tal-persunal f'konformità mal-inflazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-grilja tas-salarji baqgħet l-istess mill-adozzjoni tagħha f'Ġunju 2019. Dan naqqas sostanzjalment il-kapaċità tal-akkwist tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti.

B'riżultat ta' dan, is-Segretarjat Permanenti enfasizza li l-kompetittività tal-iskala tas-salarji naqset b'mod sinifikanti. Dan diġà kkontribwixxa għal tnaqqis notevoli fl-għadd ta' applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet miftuħa, kif ukoll għal żieda fid-dawran tal-persunal.

Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għalhekk jeħtieġ li jadotta l-att ippjanat biex jiżgura li l-grilja tas-salarji tas-Segretarjat Permanenti tibqa' kompetittiva, u b'hekk jiżgura l-funzjonament xieraq tas-Segretarjat Permanenti. Peress li l-Unjoni hija parti għat-TCT, jeħtieġ li tiġi stabbilita pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-att pjanat.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu “*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftiehim*”.

Il-kunċett ta' “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*”³.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri t-TCT.

Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandu s-setgħa li jistabbilixxi r-regoli tas-Segretarjat Permanenti f'konformità mal-Artikolu 30 tat-TCT. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 24(1) tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandu l-kompitu li jamministra dak it-Trattat u li jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 35 tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandu s-setgħa li jadotta l-baġit u r-regoli ta' governanza finanzjarja relatati. Skont l-Artikolu 25(1) tat-TCT, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali hija vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti. Konsegwentement, l-att li l-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali.

L-att pjanat la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tat-TCT.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att pjanat li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att pjanat ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att pjanat li jsegwi għadd ta' objettivi simultanament, jew li għandu diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi legali sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE se jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet legali korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-att pjanat huwa meħtieġ għall-funzjonament kif suppost tat-TCT. It-TCT isegwi l-objettivi u għandu komponenti fl-oqsma tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma intern, li huma modalitajiet koperti mill-Artikolu 91 tat-TFUE kif ukoll fil-qasam tat-trasport bil-baħar, modalità koperta mill-Artikolu 100(2) tat-TFUE. Minħabba n-natura orizzontali tiegħu, l-att pjanat jirreferi għal dawn l-aspetti kollha.

Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta tinkludi d-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikoli 91 u 100(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikoli 91 u 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

F'konformità mal-Artikolu 25(2) tat-TCT, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali jridu jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċertu tibdil fir-regoli dwar is-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tat-Trasport (“it-TCT”) ġie approvat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392⁴ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.
- (2) Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali ġie stabbilit mit-TCT għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tajba tat-TCT.
- (3) Skont l-Artikolu 30 tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet dwar ir-regoli tas-Segretarjat Permanenti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 24(1) tat-TCT, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu l-kompitu li jamministra t-Trattat u li jiżgura l-implimentazzjoni tajba tiegħu. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 35 tat-TCT, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandu s-setgħa li jadotta l-baġit u r-regoli ta' governanza finanzjarja relatati.
- (4) Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, permezz ta' proċedura ta' adozzjoni bil-miktub ippjanata għal Jannar 2026, qed jippjana li jadotta deċiżjoni li temenda r-regoli dwar is-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, li huma stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport.
- (5) Sabiex tibqa' konsistenti mad-diskussjonijiet preliminari bejn il-Partijiet Kontraenti dwar l-att pjanat, u biex jiġi żgurat li l-indiċjar annwali tas-salarji jallinja maċ-ċiklu ta' adozzjoni annwali tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport, huwa xieraq li tiġi prevista l-applikazzjoni retroattiva tad-deċiżjoni prevista mill-1 ta' Jannar 2026
- (6) L-att pjanat tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali se jkollu effetti legali.
- (7) Għalhekk, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali rigward l-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija hawn fuq.
- (8) L-appoġġ għall-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni huwa ġġustifikat, peress li se jiżgura li s-salarji tal-membri tal-persunal tas-Segretarjat

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/392/oj>).

Permanenti jibqgħu kompetittivi, li huwa meħtiegħ għall-funzjonament xieraq kontinwu tas-Segretarjat Permanenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura ta' adozzjoni bil-miktub tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport, ippjanata għal Jannar 2026, fir-rigward tal-emendar tar-regoli dwar is-salarji tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjoni stipulata fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President